# Parroċċa Qalb Bla Tebgħa Ta' Marija Burmarrad

Tel: 21573045/ Fax:21578118
www. parroċċaburmarrad.com
email:kappillan@parroccaburmarrad.com

LEĦEN IL-PARROĊĊA - Ottubru 2013 - Nru. 369



## *Il-Kelma tal-Kappillan*

Għeżież,

Erġajna qbadna r-ritmu tal-ħajja normali tagħna, wara tlett xhur ta' sħana kbira, li forsi għal xi wħud ħalliethom bla saħħa u bla nifs. Ninsabu fix-xahar iddedikat lil Madonna tar-Rużarju, pero' mhux biss. Aħna l-Franġiskani mxerrdin mal-erbat irjieħ tad-dinja u niċċelebraw b'solennita' kbira l-Festa ta' San Franġisk. Franġisku kellu qima u mħabba, mimlija kollha devozzjoni lejn din l-Omm Imbierka tas-Sema.

Alla, li sa mill-bidu għażilha biex tkun Omm Ibnu l-għażiż, ma setax ikun li ma jżejjinhiex bl-ogħla grad ta' qdusija li qatt seta' jagħti. Il-grazzja wkoll li Alla ta lil Marija tixirqilha għax ħa grazzja magħha għax raha 'mimlija b'kull grazzja tas-sema'. Din il-frażi, għal San Franġisk t'Assisi, ġagħlitu jinfexx f'innu ta' tifħir lil Marija. Mela ejjew aħna wkoll infaħħru lil Marija bħal Franġisku, u ma nħallux dan ix-xahar jgħaddi bħax-xhur l-oħra, mingħajr ma ngħidu dik it-talba tant sabiħa tar-Rużarju, fil-familji tagħna jew il-Knisja.

Fl-aħħarnett, ninsabu fl-aħħar tas-Sena tal-Fidi u biex ngħalqu din is-sena ser ikollna tlett laqgħat immexxija minn P. Ġorġ Zammit ofm Conv., ex-Kappillan tal-Parroċċa tagħna, fejn ser ikellimna dwar il-kobor u l-importanza tas-sagrament tal-Qrar.

Għalhekk minn issa nħeġġiġkom ilkoll sabiex iżżommu dawn id-dati liberi tat-30 ta' Ottubru, 6 ta' Novembru, u t-13 ta' Novembru, liberi, sabiex flimkien nisimgħu kelma ta' ġid. Il-ħin ta' dawn il-laqgħat jkun fis-7.00pm, fiċ-Ċentru Parrokkjali.

Tkunu mberkin!

P.Joseph Mamo ofm Conv.

# *L-Attitudni kollox!*

Fi sptar kbir fl-Amerka kien hemm post fejn kont issib il-lifts kollha, telgħin u neżlin il-ħin kollu it-tlettax 'il sular tal-isptar. L-attività kienet kontinwa lejl u nhar. Ġo kull lift kont issib persuna inkarigata biex iżżomm l-ordni, torganizza lill-okkupanti u tagħfas il-buttuni hi. Kien xogħol monotonu għall-aħħar u l-persuna ftit li xejn kienet tirċievi grazzi, bejn għax kulħadd kien ikun mgħaġġel u bejn għax kemm il-viżitaturi u anke t-tobba kienu jarawha żejda din il-persuna ġol-lift.

Waħda minn dawn l-operaturi tal-lifts kienet mara anzjana, imkemmxa u bla edukazzjoni. Kienet tasal kuljum l-isptar u tidħol fil-lift tagħha fis-sitta ta' filgħodu. Kien ikollha kuljum tbissima kbira fuq fommha li kienet mera tal-ferħ li kellha f'qalbha. Kienet qisha bozza dawl f'dak il-bini antik u ta' dwejjaq. Ħafna mit-tobba kienu joqogħdu jistennew il-lift tagħha jasal biex jitilgħu fih, anki jekk kien ikollhom jistennew xi ftit u kienu jkunu mgħaġġlin. Imma mhux l-ewwel darba li sabet min joffendiha jew jgħaddiha biż-żmien. Madankollu qatt ma ħalliet lil ħadd idallmilha l-ġurnata tagħha. Kienet taqsam il-ferħ tagħha ma' kull min kien interessat li jirċevih.

Darba minnhom, tabiba żagħżugħa staqsietha kif jirnexxielha tibqa' daqshekk ferħana l-ħin kollu. Ix-xiħa tal-lift weġbitha hekk: ***Il-ferħ u s-saħħa ġewwinija tiegħi ġejjin mill-Mulej. Jien ma nagħti poter lil ħadd li jbiddilli l-burdata tajba li jkolli kull filgħodu. L-unika ħaġa li nista' nikkontrolla fil-ħajja hija l-attitudni u r-reazzjoni tiegħi għal dak li jiġrili. Jien dejjem nagħżel li nirrispondi bl-imħabba.***

- ❒ Ma nistax inbiddel il-passat tiegħi.
- ❒ Ma nistax inbiddel lin-nies u kif iġibu ruħhom.
- ❒ Ma nistax inbiddel dak li għandu jiġri.

Ħaġa waħda nista' nagħmel, nilgħab bl-unika korda li għandi f'idi – l-attitudni tiegħi. 10% ta' ħajti hija x'jiġrili u 90% ta' ħajti hija kif nirrispondi għal dak li jiġrili.

**Irrispondi ta' għaref.**

**Irrispondi ta' nisrani.**

**Irrispondi bl-imħabba.**

# ĦAJJA U ĦIDMA – Ottubru 2013

**It-Tlieta 1** **Jum l-Anzjani**. Bidu tax-xahar iddedikat lil Madonna tar-Rużarju.
6.30pm – Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat u Barka Sagramentali.
7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb tal-Ewwel Jum tat-Tridu ta' San Franġisk, immexxija minn Fr. Michael Buġeja. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali.

**L-Erbgħa 2** **It-Tieni Jum tat-Tridu ta' San Franġisk**.
6.30pm – Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat u Barka Sagramentali.
7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb tal-Ewwel Jum tat-Tridu ta' San Franġisk, immexxija minn Fr. Michael Buġeja. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali.

**Il-Ħamis 3** **L-Ewwel Ħamis tax-xahar**. Issir l-Adorazzjoni fis-Seminarju tal-Virtu' b'talb għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi. Tluq f'nofs in-nhar.



**It-Tielet Jum tat-Tridu ta' San Franġisk.**
6.30pm – Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat u Barka Sagramentali.
7.00pm – Quddiesa bil-ħsieb tal-Ewwel Jum tat-Tridu ta' San Franġisk, immexxija minn Fr. Michael Buġeja. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali. Fi tmiem il-Quddiesa jiġi ċċelebrat it-Transitu ta' Missierna San Franġisk.

**Il-Ġimgħa 4** **Jum is-Solennita' ta' Missierna San Franġisk**.
L-Ewwel Ġimgħa tax-xahar. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Imqaddsa ta' Ġesu'.
6.30pm – Kuruna Franġiskana quddiem Ġesu' Sagramentat u tingħata l-Barka Sagramentali.
7.00pm – Quddiesa Solenni mmexxija mill-Komunita' Franġiskana, fejn isir il-ħsieb minn P.Edmond Theuma ofm.Conv. Janima l-kant il-Kor Parrokkjali.

**Is-Sibt 5** **L-Ewwel Sibt tax-xahar**. Inġeddu l-konsagrazzjoni tagħna lil Qalb Bla Tebgħa ta' Marija.
Illum il-festa ta' Santa Fawstina.
Bejn l-10.00am u 12.00pm tkun miftuħa l-librerija.
Ma ssirx l-adorazzjoni għax hawn żwieġ fil-Parroċċa.

**Il-Ħadd 6** Fit-8.30am – Wara l-quddiesa fuq iz-zuntier isir it-Tberik tal-Annimali fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk.

**It-Tnejn 7** **Festa tal-Madonna tar-Rużarju**.
6.30pm – Rużarju quddiem Ġesu' Sagramentat u tingħata l-Barka Sagramentali.
7.00pm – Ħsieb waqt il-Quddiesa.



**It-Tlieta 8** Fis-7.30pm – Issir il-laqgħa tal-Kunsill Parrokkjali fiċ-Ċentru Parrokkjali. Inkunu fil-ħin.

**Il-Ħamis 10** Jum Dinji tas-Saħħa Mentali.

**Il-Ħadd 13** Jum it-Tagħlim Nisrani. Waqt il-Quddiesa tat-8.30am jingħata l-mandat lill-Katekisti għas-sena 2013-2014.

**L-Erbgħa 16** 7.30pm – Wara l-quddiesa ssir il-Lectio Divina fil-Knisja.

Kulħadd hu mħeġġeġ li jattendi. Indumu biss ftit aktar minn nofs siegħa. Minnek jonqos!

**Il-Ħamis 17** **Pellegrinaġġ għas-Santwarju tal-Madonna tas-Saħħa fir-Rabat Malta.** Tluq minn ħdejn il-Knisja fid-9.00am. Biljetti minngħand il-helpers tas-soltu, jew ħallu isimkom fis-sagristija. Tħallux għall-aħħar.

**Is-Sibt 19 u l-Ħadd 20** **Jum il-Missjonijiet**.
Il-ġbir kollu jmur għall-Missjonijiet. Infakkru wkoll fl-Envelopes li tqassmu sabiex iġġibuhom magħkom.
Bazaar b'risq il-Festa Titulari.

**Is-Sibt 26** Tinsewx iddawwru l-Arloġġ għall-ħin tax-xitwa. Minn għada l-quddies ta' fil-għaxija jibda jkun fis-6.15pm.

**Is-Sibt 26 u l-Ħadd 27** **Jum il-Bibbja -** Ġabra speċjali b'risq il-Parroċċa.

**It-Tlieta 29** Fil-5.15pm – Tibda l-adorazzjoni tal-Ħniena Divina.

**L-Erbgha 30** Fis-7.00pm ser issir l-ewwel laqgħa ma P. Gorg Zammit dwar is-Sagrament tal-Qrar fiċ-Ċentru Parrokkjali. Imħeġġin sabiex nattendu.

*Minn qalbna nixtiequ nirringrazzjaw lil P. Josef Pace ofm conv, li wara xahrejn fostna, issa gie mibghut fil-Parrocca ta' San Pawl Il-Bahar. P. Josef, grazzi ta kull ma ghamilt maghna, u nwieghduk it-Talb taghna, u anke int minn naha tieghek tinsiniex. Grazzi u nawgurawlek hidma fejjieda anke fl-istudji tieghek.*

# Il-vjaġġ ġewwa Forli l-Italja

Jien mill-24 ta Lulju sal-31 ta' Lulju qattajt esperjenza mill-isbaħ fil-villaġġ żgħir ta Forli ġewwa l-Italja .
Ġewwa dan il-post sibna grupp kbir ta' nies jilqawna. Hemmhekk morna ġewwa ħafna postijiet bħal muzewijiet, kappelli etc. Intqajna ma nies differenti bħal l-isqof tal-post, raġel li qiegħed jgħin nies drogati inneħħu dan il- viżju ikraħ, ma żgħażagħ tal-post u ħafna aktar.

Din kienet esperjenza fejn tlabna, dorna ħafna postijiet u ħadna pjaċir.



Miguel Debattista
KDT

# Tajjeb Tkun Taf

- **Ma' Leħen il-Parroċċa qed jitqassam lilkom l-envelope tal-Missjoni biex titfgħu id-donazzjoni tagħkom u ġġibuha l-Knisja sabiex ngħadduhom fl-Uffiċċju Missjunarju.**

- **Grazzi lil kulħadd tas-sehem li tajtu fl-14 u l-15 ta' Settembru fil-Maratona għall-Familja kollha fiċ-Ċentru Parrokkjali.**

- **Infakkru li kull nhar ta' Tlieta bejn id-9.00am u 12.00pm Ġesu' Ewkaristija jkun espost għall-qima u adorazzjoni tagħna fil-Kappella fiċ-Ċentru Parrokkjali.**

- **Il-Ħadd 6 t'Ottubru se jsir it-Tberik tal-Annimali fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk. It-tberik se jsir wara l-quddiesa tat-8.30am fuq iz-zuntier tal-Knisja.**

- **Ma' Leħen il-Parroċċa qiegħed jitqassam Envelope sabiex fih tniżżlu l-ismijiet tal-egħżież tagħkom li għaddew għall-Ħajja ta' Dejjem, għax kull nhar ta' Ġimgħa l-quddiesa ta' fil-għaxija tas-6.15pm, fix-xahar ta' Novembru, tkun offruta għalihom.**

- **Ottubru huwa x-xahar iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Tkun ħaġa sabiħa u qaddisa jekk fil-familji jew fil-Knisja fil-ħin ta' qabel il-Quddiesa tingħad it-talba qawwija tar-Rużarju. *'Il-familja li titlob flimkien tibqa' flimkien.'***

- **Matul ix-xahar t'Ottubru kull nhar ta' Tnejn isir ir-Rużarju fil-Pjazza tal-Knisja fil-5.30pm.**

- **Il-Computer Room fiċ-Ċentru Parrokkjali hi lesta. Min għandu xi computers żejda jew xi apparat ieħor tal-computers, bħal mouse, keyboards u monitors, video cards etc.. jista' jkellem lill-Kappillan.**

- **Grazzi lil dawk kollha li taw l-għajnuna fl-Iskola Sajf 2013.**